

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 23.3.2011
KUMM(2011) 136 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

**Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea
Rapport Annwali 2009**

WERREJ

1.	Daħla	3
2.	Applikazzjonijiet pendenti mill-2008 u applikazzjonijiet ġodda li waslu fl-2009.....	3
3.	Il-finanzjament	6
4.	Għeluq	6
5.	Konklużjonijiet.....	6
Anness 1: Applikazzjonijiet pendenti u ġodda tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea fl-2009.....		8
Anness 2: Ħarsa lejn l-applikazzjonijiet għall-Fond ta' Solidarjetà tal-UE mill-2002 lil hawn.		9

1. DAĦLA

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) twaqqaf fil-15 ta' Novembru 2002. L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1212/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem – “Ir-Regolament tal-Fond ta' Solidarjetà”) jistipula li għandu jiġi ppreżentat rapport dwar l-attività tal-Fond matul is-sena ta' qabel lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport jippreżenta l-attivitajiet tal-Fond fl-2009 u jkopri, bħal fir-rapporti preċedenti, il-ġestjoni ta' applikazzjonijiet pendenti u ġodda u l-valutazzjoni tar-rapporti ta' implimentazzjoni bil-ħsieb li dawn jitħejjew biex jingħalqu.

Mill-ġhadd ta' numru ta' applikazzjonijiet, l-2009 kienet waħda mill-aktar snin “kwieti” għall-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (FSUE). B'kollox, f'sena saru sitt applikazzjonijiet biss għall-ġajnuna tal-FSUE waqt li f'xi snin preċedenti tressqu sa 19-il applikazzjoni. Erbgħa mill-applikazzjonijiet tal-2009 – relatati ma' nirien fil-foresti fir-reġjun ta' Attica fil-Greċja, maltempati f'Ċipru, għargħar fil-ġżira Griega ta' Evia, u ma' valangi ta' tajn fi Sqallija – kienu mressqa fix-xhur ta' Novembru u Diċembru u b'hekk il-valutazzjoni kellha titkompla matul l-2010. Dawn id-diżastri kienu relattivament żgħar u tqiesu li laħqux il-kriterji għall-attivazzjoni tal-Fond¹.

Madankollu, fil-kwantu ta' ħsara kkawżata u ġajnuna li tħallset, l-2009 kienet straordinarja. It-terremot ta' L'Aquila fir-Reġjun Taljan ta' Abruzzo kien l-akbar diżastru mill-ħolqien tal-Fond lil hawn u sussegwentament wassal għall-akbar għotja qatt mogħtija li tlaħħaq għal kważi nofs biljun Ewro. Il-maltempata Klaus fil-lbiċ ta' Franza kien diżastru ieħor kbir bi ħsarat konsiderevolment ogħla mill-medja.

2. APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI MILL-2008 U APPLIKAZZJONIJIET ĠODDA LI WASLU FL-2009

Ċipru (nixfa)

Fl-2008, Ċipru soffra minn nuqqas ta' xita li wassal għal effetti serji fuq il-kundizzjonijiet tal-ħajja, l-ekonomija u l-ambjent naturali. L-awtoritajiet Ċiprijotti ressqu applikazzjoni għall-ġajnuna mill-FSUE fl-1 ta' Lulju 2008, li tlestiet b'taġhrif addizzjonali fis-16 ta' Ottubru 2008. Din kienet l-ewwel applikazzjoni għall-ġajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà relatata ma' nixfa. Ir-Regolament tal-Fond ta' Solidarjetà jistipula li għandha ssir applikazzjoni mhux aktar tard minn 10 ġimgħat wara l-ewwel ħsarat kkawżati mid-diżastru li f'każ li d-diżastru jseħħ bil-mod bħal pereżempju fin-nixfa, dan jaf joħloq diffikultà. Madankollu, fil-każ ta' Ċipru, fid-dawl tal-perjodu ta' tliet snin ta' livelli aktar baxxi mis-soltu ta' xita, in-nuqqas ta' xita laħaq il-quċċata tiegħu fl-aħħar tal-istaġun tax-xita, f'April 2008. Il-Kummissjoni, għalhekk, ikkunsidrat li t-22 ta' April 2008, setgħet tiġi aċċettata bħala d-data tal-bidu tad-diżastru prinċipali. Għaldaqstant, l-applikazzjoni mressqa lill-Kummissjoni fl-1 ta' Lulju 2008 irrispettat l-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 4(1).

¹ Dettalji dwar il-valutazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet se jingħataw fir-rapport annwali għall-2010.

L-awtoritajiet Ċiprijotti stmaw li l-ħsara diretta totali li sofrew wara t-22 ta' April 2008, huwa ta' EUR 176,15-il miljun. Minħabba li dan l-ammont jaqbeż il-limitu massimu ta' EUR 84,673 miljun (jiġifieri 0,6 % tad-DNG) applikabbli għal Ċipru, in-nixfa kkwalifikat bħala "diżastru naturali maġġuri li affettwa t-territorju kollu tal-pajjiż". Fl-24 ta' Ottubru 2008 il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza għajjnuna finanzjarja ta' EUR 7,605 miljun. Wara l-proċedura tal-baġit fil-Kunsill u fil-Parlament u l-konklużjoni ta' qbil għall-implimentazzjoni tal-għotja bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ċiprijotti, l-għotja tħallset lil Ċipru fid-9 ta' Ottubru 2009.

Ir-Rumanija (għargħar)

F'Lulju 2008 parti pjuttost estensiva mir-Rumanija ntlaqtet minn xita qawwiya, li wasslet għal għargħar u valangi serji. L-awtoritajiet Rumani applikaw għall-ghajjnuna mill-FSUE fl-1 ta' Ottubru 2008. Il-ħsara diretta totali kienet stmata EUR 471,42 miljun. Minħabba li dan l-ammont baqa' taħt il-limitu massimu ta' "diżastru maġġuri" għar-Rumanija (EUR 566,84 miljun, jiġifieri 0,6 % tad-DNG tar-Rumanija), iżda minkejja dan jirrappreżenta madwar 83 % tal-limitu massimu, l-applikazzjoni ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju hekk imsejjaħ "diżastri reġionali straordinari".

Ir-reġjun affettwat kien żona koerenti, li jinkludi ħames pajjiżi fil-parti tal-grigal tar-Rumanija, b'popolazzjoni ta' 3,046 miljun ruħ. Il-parti ewlenija tal-popolazzjoni fiż-żona ġiet affettwata, b'qerda parzjali jew totali ta' djar privati u ta' uċuħ tar-raba'. Tressqet xhieda biex turi r-riperkussjonijiet serji u fit-tul fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun milqut. Ġiet irrappurtata ħsara serja fl-infrastruttura bażika, fl-agrikoltura, fil-forestrija, fil-bhejjem tat-trobbija u fid-djar privati. Id-diżastru ħalla riperkussjonijiet fit-tul fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien fir-reġjun milqut, b'madwar 14 644 dar meqruda, indisponibilità fit-tul ta' infrastruttura bażika (ilma/enerġija), u infrastuttura ta' trasport li ġarrbet ħsarat serji li qed iwasslu għall-iżolament komplet ta' madwar 100 muniċipalità. Fit-22 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni tilħaq il-kriterji għal diżastri reġionali straordinari, u pproponiet li tagħti għajjnuna li tammonta għal EUR 11 785 377. Wara t-tlestija tal-emendi korrispondenti fil-proċedura tal-baġit u l-iffirmar tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni, din l-għotja tħallset lill-Awtoritajiet Rumani fid-29 ta' Ottubru 2009.

Franza (il-maltempata Klaus)

Fl-24 ta' Jannar 2009 maltempata kbira ("Klaus") laqtet il-lbiċ ta' Franza u kkawżat ħsarat kbar. L-awtoritajiet Franċiżi ressqu applikazzjoni lill-Fond ta' Solidarjetà fit-2 ta' April 2009, fil-perjodu skadenza ta' 10 ġimgħat wara li ġew irrappurtati l-ewwel ħsarat.

Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-maltempata kkawżat ħsarat kbar partikolarment fis-settur tal-foresterija, li laħqet għal aktar minn 60 % tal-istima totali tal-ħsara, u għan-negożji u d-djar privati (aktar minn 25 % tal-istima totali tal-ħsara). Il-maltempata kkawżat ukoll ħsara sinifikanti fl-infrastrutturi (trasport, elettriku, ilma u telekomunikazzjonijiet) kif ukoll fis-settur agrikolu, u kien hemm il-ħtieġa ta'

operazzjonijiet ta' tindif estensiv. Tnax-il ruħ tilfu ħajjithom b'konsegwenza diretta ta' din il-maltempata u aktar minn 400 sfaw feruti.

Il-Kummissjoni stmat li l-ħsara diretta totali kkawżata mill-maltempata ammontaw għal EUR 3,805 biljun. Billi dan l-ammont jaqbeż il-limitu ta' EUR 3,398 biljun (jiġifieri EUR 3 biljun fil-prezzijiet tal-2002) applikabbli għal Franza għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà fl-2009, id-diżastru jikkwalifika bħala “diżastru naturali maġġuri” u għaldaqstant jaqa' fil-qasam prinċipali tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1212/2002. Madankollu, danni oħra mitluba fl-applikazzjoni ta' Franza, bħat-telf fid-dħul u l-produzzjoni minħabba l-interruzzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi, u danni ipotetiċi bħall-valur stmat marbut mat-telf ta' karbonju li tnaqqas (flimkien jammontaw għal EUR 1,220 biljun), ma ġewx ikkunsidrati bħala bażi meta ġiet ikkalkulata l-assistenza, billi dawn ma kinux ikkunsidrati bħala ħsara diretta.

Fid-29 ta' Mejju 2009 il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza għajjnuna finanzjarja ta' EUR 109,377,165. Il-proċedura tal-baġit korrispondenti li temenda tlestiet fil-15 ta' Settembru 2009. Wara l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni ma' Franza, il-Kummissjoni ħallset l-għotja fil-25 ta' Novembru 2009.

L-Italja (It-Terremot ta' Abruzzo)

F'April 2009 terremot kbir affettwa r-reġjun Taljan ta' Abruzzo li sewa l-ħajja ta' 300 ruħ u kkawża ħsarat kbar ħafna. L-awtoritajiet Taljani applikaw għal assistenza finanzjarja relatata mat-terremot, fil-perjodu ta' skadenza ta' 10 ġimgħat għat-tressiq tal-applikazzjoni lill-Fond ta' Solidarjetà.

It-terremot ikkawża ħsarat kbar fl-infrastruttura bażika, fi djar privati, bini pubbliki, negozji u f'wirt kulturali importanti tar-reġjun, u wassal għal ħsara serja għall-popolazzjoni. Iż-żoni milqutin minn dan l-avveniment jinkludu l-Provinċja kollha ta' L'Aquila, il-parti l-kbira tar-Reġjun ta' Abruzzo u xi żoni tal-madwar. Il-kapitali reġjonali L'Aquila, kienet l-aktar milquta, u fost l-aġġar iċ-ċentru storiku. Minn popolazzjoni totali ta' madwar 300 000 ruħ li ġew affettwati mid-diżastru, ġew irrappurtati 300 vittma u 1 500 feruti. Eluf tilfu djarhom u/jew in-negozji privati tagħhom, u madwar 30 000 ruħ tpoġġew f'tined għal perjodi twal. Tpoġġew 32 000 oħra f'lukandi u fi djar privati fuq il-kosta Adriatika u madwar 20 000 ġew irrappurtati li marru f'akkomodazzjoni privata barra mir-reġjun. Proporzjon kbir tal-bini li kien eżaminat wara t-terremot instab li kien perikoluż. Id-diżastru affettwa serjament ukoll is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tar-reġjun kollu bl-attività ekonomika tonqos drastikament jekk mhux tieqaf. L-istess japplika għall-attivitajiet tal-Università lokali b'27 000 student li ukoll tagħmel parti importanti mill-fattur ekonomiku tar-reġjun.

L-awtoritajiet Taljani stmaw il-ħsara diretta totali għal aktar minn EUR 10,212 biljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 0,67 % tad-DNG tal-Italja u aktar minn tliet darbiet il-limitu normali applikabbli għall-Italja għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' EUR 3,4 biljun (jiġifieri EUR 3 biljun fi prezzijiet tal-2002). L-analiżi tas-servizzi tal-Kummissjoni urew li l-metodi użati mill-Italja għall-istima

ta' kategoriji differenti ta' ħsara kienu dettaljati u tajbin u li r-riżultati kienu plawsibbli. L-istima ta' ħsara diretta totali tidher li hija xi ftit konservattiva.

It-terremot għalhekk ikkwalfika bħala diżastru naturali maġġuri u waqa' fil-qasam prinċipali tal-applikazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE. L-applikazzjoni ġiet imħaffa biex tkun tista' tingħata l-għajnuna lill-awtoritajiet Taljani malajr kemm jista' jkun. F'deċiżjoni li saret fit-8 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni pproponiet lill-awtorità tal-baġit il-mobilizzazzjoni tal-assistenza finanzjarja ta' EUR 493 771 159. Il-proċedura tal-baġit li temenda tlestiet fl-20 ta' Ottubru 2009 u fi ftit żmien wara saret il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni fil-11 ta' Novembru 2009. Il-ħlas tal-għotja sar fit-30 ta' Novembru 2009.

3. IL-FINANZJAMENT

Fl-2009, ingħatat għotja mill-FSUE għal każ li l-applikazzjoni tiegħu kienet milqugħa fil-ħarifa tal-2008 (nixfa f'Ċipru) L-Abbozz Preliminari ta' Baġit Emendatorju Nru 10/2008² korrispondenti kien approvat mill-Awtorità tal-Baġit fit-18 ta' Diċembru 2008.

Għall-applikazzjonijiet milqugħa fl-2009, il-Fond kien immobilizzat fi tliet każijiet. L-Abbozz Preliminarju tal-Baġit Emendat Nru 1/2009³ ikopri l-effetti tal-għargħar li affettwaw lir-Rumanija u kien approvat mill-Awtorità tal-Baġit fil-11 ta' Marzu 2009. L-Abbozz Preliminarju tal-Baġit Emendat Nru 7/2009⁴ ikopri l-effetti tal-maltempata Klaus fi Franza u kien approvat mill-Awtorità tal-Baġit fil-15 ta' Settembru 2009. L-Abbozz Preliminarju tal-Baġit Emendat Nru 9/2009⁵ ikopri l-effetti tat-terremot ta' L'Aquila fl-Italja u kien approvat mill-Awtorità tal-Baġit fl-20 ta' Ottubru 2009. Il-ħlasijiet setgħu jsiru wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-għotja u wara li ġew ffirmati l-ftehimiet ta' implimentazzjoni.

Benefiċjarju	Id-Diżastru	Kategorija	Ammont ta' għajnuna (EUR)
Ċipru	Nixfa	Diżastru Naturali Maġġuri	7 605 445
Ir-Rumanija	Għargħar	Diżastru Reġjonali Straordinarju	11 785 377
Franza	Il-maltempata Klaus	Diżastru Naturali Maġġuri	109 377 165
l-Italja	It-terremot ta' Abruzzo	Diżastru Naturali Maġġuri	493 771 159
Total			622 539 145

² COM(2008) 731; Il-Baġit ta' Emenda 11/2008 adottat fit-18 ta' Diċembru 2008, ĠU L 27 30/1/2009.

³ COM(2009) 22; Il-Baġit ta' Emenda 1/2009 adottat fil-11 ta' Marzu 2009, ĠU L 99 17/04/2009.

⁴ SEC(2009) 827; Il-Baġit ta' Emenda 7/2009 adottat fit-15 ta' Settembru 2009, ĠU L 293 10/11/2009.

⁵ COM(2009) 448; Il-Baġit ta' Emenda 9/2009 adottat fl-20 ta' Ottubru 2009, ĠU L 326 11/12/2009.

4. GĦELUQ

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Fond ta' Solidarjetà jistipula li mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' sena mid-data tal-ħlas tal-għotja, l-Istat benefiċjarju għandu jippreżenta rapport dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-għotja (minn hawn 'il quddiem: “rapport ta' implimentazzjoni”) bi stqarrija li tiġġustifika n-nefqa (minn hawn 'il quddiem: “stqarrija ta' validità”). Fi tmiem din il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tagħlaq l-għajnuna mill-Fond.

Matul l-2009, ingħalqu żewġ fajls tal-Fond ta' Solidarjetà. Dwar l-għeluq tal-assistenza fil-każ relatat mal-maltempata fl-Estonja fl-2005, li għalih ingħatat għajnuna finanzjarja ta' EUR 1 289 765, ir-rapport ta' implimentazzjoni wasal fis-27 ta' Settembru 2007. Wara valutazzjoni bir-reqqa mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni kellha titlob aktar tagħrif mill-awtoritajiet Estonjani. Ir-risposta mill-awtoritajiet Estonjani waslet fid-19 ta' Jannar 2009 u ddikjarat infiq mhux eliġibbli li jammonta għal EUR 4 430. Il-Kummissjoni tat bidu għal proċedura ta' rkupru u l-ammont ta' EUR 4 430 ġie rkuprat mingħand l-awtoritajiet Estonjani fl-1 ta' Ġunju 2009. B'riżultat ta' dan il-fajl ingħalaq.

Fil-każ tal-maltempata fil-Litwanja fl-2005, ingħatat għajnuna finanzjarja li tammonta għal EUR 378 910 lil-Litwanja u r-rapport ta' implimentazzjoni bil-lingwa Litwana wasal fl-10 ta' Ottubru 2007. Wara traduzzjoni u verifika mis-servizzi tal-Kummissjoni, intalab aktar tagħrif mingħand l-awtoritajiet Litwani. L-istqarrija tal-awtoritajiet Litwani wriet li r-rekwiżiti tal-għeluq meħtieġa ntlaħqu kollha. Il-Kummissjoni għalqet il-fajl fil-11 ta' Ġunju 2009.

Fl-2009, il-Kummissjoni rċeviet rapporti ta' implimentazzjoni finali għal għotjiet magħmula fl-2007 mill-Greċja (relatat mal-għargħar ta' Evros fl-2006), l-Ungerija (relatat mal-għargħar fl-2006), il-Ġermanja (relatat mal-maltempata Kyrill fl-2007) u Franza (relat mal-maltempata Gamède fl-2007). Fl-aħħar tal-perjodu kopert minn dan ir-rapport annwali kienet għadha għaddejja l-valutazzjoni ta' dawn ir-rapporti ta' implimentazzjoni.

5. KONKLUŻJONIJIET

Fl-2009 il-Fond ta' Solidarjetà għal darba oħra wera l-effettività tiegħu b'reazzjoni għal diżastri maġġuri, jiġifieri biex jagħti assistenza finanzjarja sostanzjali f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Madankollu, kundizzjoni waħda hija li l-applikazzjonijiet ikunu ppreparati sewwa mill-Istat applikant biex il-Kummissjoni ma jkollhiex għalfejn titlob għal kjarifika jew tagħrif addizzjonali. B'dak il-ħsieb, is-servizzi tal-Kummissjoni stabbilixxew Prattika li tidher li hija effiċjenti ħafna fejn qed joffru li jirrevedu informalment l-abbozz tal-applikazzjoni flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali qabel ma din titressaq uffiċjalment. Pajjiżi li jixtiequ japplikaw għall-għajnuna tal-Fond ta' Solidarjetà huma mħeġġa jagħmlu użu minn din l-opportunità.

Fil-każ tal-akbar diżastru li għalih il-Fond ta' Solidarjetà qatt intalab għall-għajnuna, l-għotja setgħet titħallas relattivament malajr fi ftit aktar minn ħames xhur mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni – minkejja r-rikostituzzjoni tal-Parlament Ewropew wara l-elezzjonijiet ta' Ġunju.

Is-sena 2009 uriet ukoll id-diffikultajiet fl-attivazzjoni tal-FSUE f'każijiet ta' diżastri li jseħħu bil-mod. Ir-rekwiżit biex l-applikazzjonijiet jitressqu fi żmien 10 ġimgħat mill-ewwel ħsarat ikkawżati mid-diżastru jwassal għal diffikultajiet oġġettivi f'każ ta' diżastri bħan-nixfa li biex tagħmel data preċiża tal-bidu tad-diżastru huwa virtwalment impossibbli. Waqt li fil-każ tal-applikazzjoni minn Ċipru setgħet tinstab soluzzjoni operattiva, ikun aħjar li fir-Regolament tal-Fond ta' Solidarjetà tkun inkluża dispożizzjoni għal dan it-tip ta' diżastru biex l-“interpretazzjoni” tar-Regolament issir superfluwa. Il-Kummissjoni se tindirizza din il-kwistjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE ppjanata li tkun preżentata fil-bidu tat-tieni semestru tal-2011.

**ANNEX 1: APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI U ĠODDA TAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-
UNJONI EWROPEA FL-2009**

Il-pajjiż applikant	Ċipru	Ir-Rumanija	Franza	I-Italja
L-isem u n-natura tad-diżastru	Nixfa	Għargħar	Il-maltempata Klaus	It-terremot ta' Abruzzo
Id-data tal-ewwel ħsara	22/04/2008	24/07/2008	24/01/2009	06/04/2009
Id-data tal-applikazzjoni*	01/07/2008	01/10/2008	02/04/2009	08/06/2009
It-tagħrif shih disponibbli dwar	01/07/2008	01/10/2008	02/04/2009	08/06/2009
Il-limitu massimu ta' diżastru maġġuri (EUR m)	84,673	566,845	3 398,6	3 398,6
Ħsara diretta totali (EUR m)	176,15	471,41	3 805,47	10 212,04
Kategorija	maġġuri	reġjonali	maġġuri	maġġuri
Il-ħsara/il-limitu massimu	208,03 %	83,16 %	111,97 %	300,48 %
L-ispiża ta' attivitajiet eliġibbli ta' emerġenza (EUR m)	59,45	390,81	462,91	2 004,14
L-ispiża eliġibbli/ ħsara totali	33,74 %	82,9 %	12,16 %	19,63 %
L-ghajjnuna/l-ispiża eliġibbli	12,79 %	3,01 %	23,63 %	24,64 %
Rata tal-ghajjnuna (% tal-ħsara totali)	4,31 %	2,49 %	2,87 %	4,84 %
Id-data tad-deċiżjoni tal-għotja	30/03/2009	20/07/2009	27/10/2009	11/11/2009
Id-data tal-ftehim ta' Implimentazzjoni	10/06/2009	03/09/2009	13/11/2009	11/11/2009
L-ghajjnuna mogħtija (EUR)	7 605 445	11 785 377	109 377 165	493 771 159

ANNEX 2: ĦARSA LEJN L-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE MILL-2002 LIL HAWN

Sena	Il-pajjiż		In-natura tad-diżastru	Il-ħsara (EUR miljun)	Kategorija	L-ghajjnuna mogħtija (EUR miljun)
2002	1	AT	Għargħar	2 900	maġġuri	134
	2	CZ	Għargħar	2 300	maġġuri	129
	3	FR	Għargħar (Le Gard)	835	reġjonali	21
	4	DE	Għargħar	9 100	maġġuri	444
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet fl-2002						728
2003	1	ES	Tixrid ta' żejt fil-baħar (Prestige)	436	reġjonali	8,626
	2	IT	Terremot (Molise/Apulia)	1 558	reġjonali	30,826
	3	IT	Eruzzjoni vulkanika (Etna)	894	reġjonali	16,798
	4	IT	Għargħar (It-Tramuntana tal-Italja)	(1 900)	(maġġuri)	Miċhuda
	5	GR	Temp xitwi kiefer	(mhux ċara)	(maġġuri ?)	Miċħuda
	6	PT	Nirien fil-foresti	1 228	maġġuri	48,539
	7	FR	Nirien fil-foresti (in-Nofsinhar ta' Franza)	531	(reġjonali)	Miċħuda
	8	ES	Nirien fil-foresti (fruntiera mal-Portugall)	53	pajjiż ġar	1,331
	9	MT	Għargħar	30	maġġuri	0,961
	10	IT	Għargħar (Friuli Venezia-Giulia)	(525)	(reġjonali)	Miċhuda
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet fl-2003						107.081
2004	1	FR	Għargħar (id-delta tar-Rhone)	785	reġjonali	19,625
	2	ES	Għargħar (Malaga)	(73)	(reġjonali)	Miċħuda
	3-9	ES	Nirien fil-foresti (7 applikazzjonijiet)	(480)	(reġjonali)	is-seba' kollha rrifjutati
	10	SK	Għargħar	(29)	(reġjonali)	Miċħuda
	11	SI	Terremot	(13)	(reġjonali)	revokata
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet fl-2004						19,625
2000	1	SK	Maltempata (Tatras)	203	maġġuri	5.668
	2	IT	Għargħar (Sardenja)	(223)	(reġjonali)	Miċhuda

sopravalutat

5				)		
	3	EE	Maltempata	48	maġġuri	1,29
	4	LV	Maltempata	193	maġġuri	9,487
	5	SE	Il-Maltempata "Gudrun"	2 297	maġġuri	81,725
	6	LT	Maltempata	15	pajjiż ġar	0,379
	7	GR	L-għargħar ta' Evros	(112)	(reġjonali)	Miċħuda
	8	RO	Għargħar tar-rebbiegħa	489	maġġuri	18,798
	9	BG	Għargħar tar-rebbiegħa	222	maġġuri	9,722
	10	BG	Għargħar tas-sajf	237	maġġuri	10,632
	11	RO	Għargħar tas-sajf	1 050	maġġuri	52,4
	12	AT	Għargħar (Tyrol/Vorarlberg)	592	reġjonali	14,799
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet fl-2005						204,905
2006	1	UK	Splużjoni fid-depożitu taż-żejt ta' Buncefield	(700)	(reġjonali)	revokata
	2	GR	L-għargħar ta' Evros	372	reġjonali	9,306
	3	HU	Għargħar	519	maġġuri	15,064
	4	ES	Nirien fil-foresti ta' Galicia	(91)	(reġjonali)	Miċħuda
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet fl-2006						24,370
2007	1	DE	Il-maltempata "Kyrill"	4750	maġġuri	166,9
	2	FR	La Réunion, Iċ-ċiklun "Gamede"	211	reġjonali	5,29
	3	ES	L-għargħar ta' El Hierro	(18)	(reġjonali)	Miċħuda
	4	ES	L-għargħar ta' La Mancha	(66)	(reġjonali)	Miċħuda
	5	UK	Għargħar	4 612	maġġuri	162,387
	6	CY	Nirien fil-foresti	(38)	(reġjonali)	Miċħuda
	7	ES	Nirien fil-foresti fil-Gżejjer Kanarji	(144)	(reġjonali)	Miċħuda
	8-16	IT	9 applikazzjonijiet għal nirien fil-foresti f'9 reġjuni	-	(reġjonali)	mhux ammissibbli, data ta' skadenza maqbuża
	17	FR	Il-maltempata Dean/Martinique	509	reġjonali	12,78
	18	GR	Nirien fil-foresti	2 118	maġġuri	89,769
	19	SI	Għargħar	233	maġġuri	8,254
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet fl-2007						445,380
20	1	CY	Nixfa	165,4	maġġuri	7,605

08	2	RO	Għargħar	471,4	reġjonali	11,785
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet fl-2008						19,390
2009	1	FR	Il-maltempata Klaus	3 805,5	maġġuri	109,377
	2	IT	It-terremot ta' Abruzzo	10 212,0	maġġuri	493,771
	3	GR	Nirien fil-foresti 09	(152,8)	(reġjonali)	Miċħuda
	4	CY	Maltempati 09	(2,6)	(reġjonali)	Miċħuda
	5	GR	L-għargħar ta' Evia	(83,2)	(reġjonali)	Miċħuda
	6	IT	Il-valanga ta' tajn f' Messina	(598,9)	(reġjonali)	Miċħuda
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet fl-2009						603,148
Total sħiħ ta' ghajjnuna approvata mill-2002 lil hawn				EUR 2 151,899 miljun		